

Brussell, 12 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

11527/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0217 (NLE)

POLCOM 85
SERVICES 13

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professjonali stabbilit skont il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, min-naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali tal-periti

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar
ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professjonali stabbilit skont
il-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, min-naħa waħda,
u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar ftehim dwar
ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali tal-periti**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/37¹ tipprevedi l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, min-naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra. Is-CETA ġie ffirmat fit-30 ta' Ottubru 2016.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38² tipprevedi l-applikazzjoni proviżorja ta' partijiet tas-CETA, inkluż l-istabbiliment tal-Kumitat Konġunt dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki Professjonali (il-"Kumitat MRA"). Is-CETA ilu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-21 ta' Settembru 2017.
- (3) Fit-22 ta' Mejju 2018, l-Organizzazzjonijiet Regulatorji għall-Arkitettura ("*Regulatory Organizations for Architecture in Canada*") fil-Kanada (ROAC (preċedement magħrufa bħala l-Awtoritajiet Kanadiżi li jipprovdu l-Liċenzji lill-Periti ("*Canadian Architectural Licensing Authorities*") (CALA)) u l-Kunsill tal-Periti tal-Ewropa (Architects Council of Europe, ACE) ippreżentaw Rakkomandazzjoni Konġunta lill-Kumitat MRA. Fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' April 2019, il-Kumitat MRA qabel li r-rekwiżiti tal-Kapitolu Hdx tas-CETA ġew issodisfati u d-dokumenti pprovduti mill-ROAC u l-ACE jikkostitwixxu Rakkomandazzjoni Konġunta aċċettabbli għal Ftehim dwar Rikonoxximent Reċiproku (MRA), b'mod partikolari fir-rigward tal-valur potenzjali tiegħu u l-kompatibbiltà tar-reġimi ta' liċenzjar jew ta' kwalifika tal-Partijiet.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/37 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, fuq naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/38 tat-28 ta' Ottubru 2016 dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, min-naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra (ĠU L 11, 14.1.2017, p. 1080).

- (4) Fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Novembru 2020, il-Kumitat MRA stabbilixxa l-entitajiet ta' negozjar u stabbilixxa l-passi biex jinnegozja MRA. Bejn l-24 ta' Marzu 2021 u l-10 ta' Marzu 2022 saru sensiela ta' disa' ċikli ta' negozjati.
- (5) L-abbozz tal-MRA li ġie nnegozjat bejn l-Unjoni u l-Kanada jipprevedi r-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali skont kundizzjonijiet speċifiċi u stretti. Fir-rigward tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali Kanadiżi, l-abbozz tal-MRA jeħtiegħ mhux anqas minn 12-il sena ta' edukazzjoni, taħriġ u esperjenza professjonali bħala perit, liċenzja professjonali valida jew reġistrazzjoni bħala perit minn awtorità kompetenti fil-Kanada u reputazzjoni tajba. Ir-rekwiżit li tinkiseb liċenzja professjonali valida jew reġistrazzjoni bħala perit jimplika l-konklużjoni ta' studji f'konformità mal-Canadian Education Standard u s-sistema ta' akkreditazzjoni tal-*Canadian Architects Certification Board*. Il-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet li jirregolaw il-kisba ta' reġistrazzjoni jew liċenzja kienet il-bażi għall-konklużjoni tar-Rakkomandazzjoni Konġunta dwar l-aċċettazzjoni tar-rikonoxximent tal-istandards tal-edukazzjoni u t-taħriġ prattiku tal-periti fil-Kanada.
- (6) L-MRA ser jistabbilixxi regoli li jirregolaw ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tal-periti u l-aċċess għal attivitajiet arkitettoniċi professjonali fiż-żewġ Partijiet u għaldaqstant ser jiffaċilita l-kummerċ fis-servizzi arkitettoniċi.

- (7) Il-Kumitat MRA għandu jadotta deċiżjoni dwar MRA.
- (8) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat MRA fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar MRA, peress li l-MRA se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (9) Għalhekk il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat MRA jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali (il-“Kumitat MRA”) fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali tal-periti għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat MRA meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
